# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tal-Għaxar laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disa' laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 13 ta' Jannar 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru Helena Dalli, li għaliha attendew is-Sindku, l-Kunsillier Frank Zammit u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Il-Ministru Helena Dalli infurmat lill-Kunsill li ġiet mitluba tiltaqa' mal-Kunsill mill-uffiċċju tal-Prim Ministru wara li saret laqgħa proprju bejn il-Kunsill u l-Prim Ministru. Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsill ressaq il-preokuppazzjonijiet tal-Kunsill fejn ġie deċiż li jsir rapport mill-uffiċjali fi ħdan id-Dipartiment tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni bl-għajnuna tal-Kunsill wara li jsiru spezzjonijiet f'żoni diversi fil-Marsa.

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-14 ta' Jannar 2016 sas-17 ta' Frar 2016.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar il-korrispondenza mibgħuta mid-Drug Squad tal-Pulizija u ssuġġerixxa li għal din il-laqgħa li s-soltu ssir mal-Kunsill, il-Kunsill isaqsi jekk hux possibli li d-Drug Squad tiltaqa' wkoll mal-għaqdiet bħan-nursery tal-futbol u l-Iskola Primarja. Il-Kunsill għandu jsaqsi lid-Drug Squad dwar din il-possibilta'.

4.3 F'dan il-kuntest, il-Kunsill iddiskuta artiklu li deher fuq gazzetta lokali dwar l-abbuż tad-droga. Il-Kunsillier Domenic Spencer sostna li permezz ta' dan l-artiklu intefa' dell ikrah fuq iż-żona u ingħatat l-impressjoni li l-Kunsill kullma qed jaħgmel huwa li qed inaddaf biss meta fil-verita' il-Kunsill għamel ħafna aktar minn hekk. Il-Kunsillier Domenic Spencer issuġġerixxa li tissejjaħ Konferenza Stampa sabiex l-Kunsill ikun jista' juri x-xogħol li wettaq il-Kunsill f'din iż-żona. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb lill-Pulizija, fejn jagħmel riferenza għall-artiklu, u jitlob li jkun hemm aktar sorveljenza u sabiex din iż-żona tingħata attenzjoni partikolari speċjalment f'dik li huwa abbuż tad-droga.

4.4 Dwar korrispondenza, sabiex il-Kunsill jidħol membru fil-European Cities Against Drugs, il-Kunsill iddeċieda li minħabba limitazzjonijiet finanzjarji din it-talba tiġi evalwata aktar 'il quddiem.

4.5 Dwar korrispondenza mibgħuta minn resident biex isiru rampi quddiem garaxx li iżda ma jintużax bħala garaxx, il-Kunsill iddeċieda li ma jistgħux isiru rampi ladarba dan ma jintużax ta' kuljum bħala garaxx, u jekk f'xi ċirkostanzi ta' kultant li jintuża għal vetturi, għandhom jintużaw rampi tal-injam.

4.6 Dwar Memo 6/2016 Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill innota li s-servizz mogħti fil-Marsa jibda wara d-9.00am u għaldaqstant dan ma jkunx fil-*peak hours.* F'dan id-dawl, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz jibqa' jingħata kif inhu u għandu jinforma lid-Dipartiment dwar dan.

4.7 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar notifika ta' seduta tal-MEPA dwar IPPC Application IP0004/07/B li ġiet iċċirkolatha lill-Kunsillier ġurnata qabel id-data tas-seduta. Il-Viċi-Sindku talab biex notifiki bħal dawn jintbagħtu malajr kemm jista' jkun għaliex Kunsillier li jkun interessat li jattendi jkollu bżonn jkun jaf minn ġranet qabel.

## 5. *Schedule of Payments 2/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4176 - 4204*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4176 sa 4204 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3153 - 3181*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3153 sa 3181 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Deċiżjoni fuq Tender Services of a Qualified Accountant*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq l-iskeda ta' offerti mitfugħa sad-data tal-għeluq.

8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm tlett offerti. Wara li l-Kunsill talab konferma li s-servizzi mogħtija jinkludu l-inputting tat-transazzjonijiet kollha, u t-tlett offerenti ikkonfermaw li l-offerta tagħhom tinkudi dan is-servizz, l-unika bażi fuq liema l-Kunsill għandu jaġġudika l-offerta huwa l-prezz.

8.3 Fiċ-ċirkostanzi, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-kuntratt jingħata lill-orħos offerent, lis-Sur Robert Bog f'isem il-Kumpanija Hatfield Advisory Services Ltd b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *9. Deċiżjoni fuq Tender Road Resurfacing*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq l-iskeda ta' offerti mitfugħa sad-data tal-għeluq.

9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm żewġ offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill fejn għamel paragun tar-rati fuq xogħlijiet li għamel il-Kunsill fil-passat, fejn ġie stabbilit li fiż-żewġ każijiet li ressaq il-perit l-offerta ta' Central Asphalt Ltd kienet orħos. Peress li x-xogħol mogħti minn dan il-kuntrattur kien wieħed ta' livell sodisfaċenti, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-kuntratt jingħata lill-orħos offerent, Central Asphalt Ltd. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Financial Statements 2015*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex rappreżentant mill-kumpanija Charles Scerri & Associates jispjega għall-benefiċċju tal-membri preżenti l-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2015. Wara li ngħatat l-ispjega li kienet għas-sodisfazzjon tal-membri kollha preżenti, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat sabiex dan ikun jista' jintbagħat lill-Awdituri għall-awditjar. Is-Sur Franke Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Estimi Annwali 2016*

11.1 Is-Sindku Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jagħti spjega fid-dettall tal-Estimi Annwali u wara li l-ispjega kienet għas-sodisfazzjon tal-membri kollha preżenti, is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2016 kif ippreżentat. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

12.1 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit ġibed l-attenzjoni li l-kennies mhux jinżel fi Triq il-Ħaddiem. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan in-nuqqas.

12.2 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi saqsa dwar x'inhu l-involviment tal-Kunsill fl-attivita' li se torganizza l-Iskola Primarja. Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li s'issa l-Kunsill kien għadu mhux involut fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer spjega li huwa jinsab involut bħala ġenitur u mhux bħala Kunsillier, fejn se jkun qed jgħin l-iskola. Madanakollu, is-Sur Spencer kompla li l-Iskola qed titlob biex il-Kunsill jgħin fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'. Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi sostna li huwa kellu jiġi kkonsultat bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni. Wara li kien hemm nuqqas ta' ftehim dwar min huwa l-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ivverifika mal-minuti, fejn instab li s-Sindku ma kien assenja lill-ebda Kunsillier biex jieħu din il-kariga tal-Edukazzjoni. Intant, il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' tiġi

organizzata konġuntament bejn l-Iskola u l-Kunsill Lokali, fejn l-Kunsill għandu jiftiehem mal-Iskola dwar liema huma l-ispejjeż li se jieħu ħsieb il-Kunsill.

12.3 Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ġibed l-attenzjoni dwar ir-riħa ta' drenaġġ li qed ikun hemm fi Triq is-Sajjieda, kif wkoll dwar il-bżonn li titnaddaf il-vaska. Il-Kunsill għandu jieħu azzjoni billi jgħaddi r-rapporti lil persuni/entitajiet responsabbli

12.4 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit saqsa dwar jekk Triq il-Ħaddiem hux se tiġi rranġata. Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrisponda li din kellha ssir minn Transport Malta u l-Kunsill ilu jiġi mwiegħed dan għal diversi snin. Jekk din ma ssirx il-Kunsill jara jekk jistax jagħmilha fiż-żminijiet li ġejjin.

12.5 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi saqsa dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li fil-preżent il-Kunsill qed isib diffikultajiet biex jiftaħ nhar ta' Sibt.

12.6 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi saqsa dwar jekk inġabrux kwotazzjonijiet biex isiru postijiet ta' kenn għall-qtates. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-materja sar jaf biha fis-seduta preċedenti u għadu ma għamilx il-verifiki meħtieġa.

12.7 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar meta l-Kunsill iħallas ta' reklami, għandu jiġi assigurat li meta fir-riklam jingħataw l-awgurju, jissemma il-Viċi-Sindku. Huwa spjega li kien hemm reklami li jgħidu, "Is-Sindku u l-Kunsilliera jawguraw ..." u jitħalla barra l-Viċi-Sindku. Is-Sindku s-Sur Francis Debono rrisponda li safejn jaf hu dawn ir-reklami jgħidu, "Il-Kunsill Lokali Marsa jawgura ...". Biex jitneħħa kull dubju fil-futur, il-Kunsill għandu jinforma lill-għaqdiet sabiex ir-reklam għandu jaqra "Il-Kunsil Lokali Marsa jawgura ...".

~~12.8 Il-Kunsillier Dominic Spencer ressaq l-istimi tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ivvjaġġar sabiex ikun jista' jattendi għall-Konferenza li se tkun organizzata mill-Kunsill tal-lokalita' ġemellata Bridgwater f'April 2016. Il-Kunsill approva unanimament.~~

## 13. Aġġornament tal-Laqgħa

13.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2016 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8.15pm)

Francis Debono
Sindku

Kenneth Brincat
Agent Segretarju Ezekuttiv